# IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

## Seduta tal-Erbgħa, 29 ta' Mejju 2019

## Talba Numru 62/2019SFJ

## *Vella Group Limited (C22149)*
## *vs.*
## *Emmanuel Galea*

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fis-26 ta' Marzu 2019 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi talbet lil dan it-Tribunal sabiex jiddikjara lill-konvenut debitur tagħha fl-ammont ta' elfejn, tlett mija u dsatax-il Ewro u tmintax-il ċenteżmu (€2,319.18c) u sabiex tikkundanna lill-konvenut iħallasha dan l-istess ammont rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' materjal ta' bini mibjugħ, primarjament madum ikkonsenjat lill-konvenut mis-soċjetà attriċi fuq inkarigu tal-konvenut stess, bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali (taħt l-Art. 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) u bl-imgħaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.

Ra li l-konvenut ġie validament innotifikat bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ nhar is-16 ta' April 2019 u dan skont ir-riferta datata 30 ta' April 2019 li tinsab a fol. 8 tal-proċess.

Ra li fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2019 ma deher ħadd u ra li l-konvenut kellu sa dik il-ġurnata stess sabiex jippreżenta r-risposta tiegħu.

Ra li fis-seduta tat-13 ta' Mejju 2019 deher l-Avv. David Bonello li ppreżenta kapitolu għas-subizzjoni tal-konvenut.

Ra li fl-udjenza tad-29 ta' Mejju 2019, il-konvenut baqa' ma deherx sabiex jiċħad il-mistoqsija magħmula lilu in subizzjoni u sabiex jikkontesta l-kawża u lanqas ippreżenta risposta.

Jidhirlu għalhekk it-Tribunal li t-talba tas-soċjetà attriċi ġiet sodisfaċentement ippruvata fil-kontumaċja tal-konvenut u tqis il-kapitolu bħala moqri u mistqarr.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi jilqa' t-talba tas-soċjetà attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' elfejn, tlett mija u dsatax-il Ewro u tmintax-il ċenteżmu (€2,319.18c) bl-ispejjeż kollha u bl-imgħax legali jibdew jiddekorru mid-data tan-notifika tal-ewwel interpellazzjoni ġudizzjarja lill-intimat.

**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**